**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 18 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 508 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 6**

**AS**

**Vs**

**RSC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AS datat 15 ta' Ottubru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu b'rit Kattoliku nhar il-31 ta' Jannar 1997, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressive mija u tlettax tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (113/1997) hekk kif jirrizulta minn certifikat anness u mmarkat Dokument "A";*

*Illi minn dan iz-zwieg, twieldet tifla, NS li twieldet f' X li kwindi llum ghandha X sena;*

*Illi prevja li ottjenew l-opportuna awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, il-kontendenti sseparaw b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana ta' nhar l-24 ta' April 2015 kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata Dokument "B";*

*Illi skond l-istess kuntratt, il-kontendenti irrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom li jitlobu u li jircievu manteniment minghand xulxin. Fir-rigward tal-minuri, l-obbligu tal-manteniment intemm snin ilu u m'hemm ebda arretrati ta' manteniment;*

*Illi l-esponenti ilhom jabitaw separatament minn xulxin ghal dawn l-ahhar dsatax -il sena;*

*Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi ghaldaqstant ir-rekwizti impost mill-Art. 66B tal-Kodici Civili (Kap 16) kif emendat bl-Att XXV tat-2021 jinsabu ampjament sodisfatti;*

*Illi in sostenn ta' din it-talba, l-esponenti qed jipprezenta affidavit li jinsab anness mmarkat Dokument "C";*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:*

1. *Tippronunzja d-divorzju tal-istanti ossia l-hall taz-zwieg ta' AS u RSC li gie celebrat b'rit Kattoliku nhar il-31 ta' Jannar 1997, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv mija u tlettax tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (113/1997) u dan ai termini tal-Art. 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma ntavolax risposta izda dehret fil-proceduri u ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni ghad-divorzju;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit a fol 10)** illi l-kontendenti izzewgu nhar il-31 ta' Jannar 1997. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fl-1 ta' April 1998, illum maggorenni. Xehed illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-24 ta' April 2015 fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet viva voce nhar il-20 ta' Frar 2025** (**a fol 27 et seqq.**) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu*

> ***separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Jannar 1997 liema zwieg jgib certifikat numru 113/1997 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A a fol 3). Minn dan iz-zwieg l-kontendenti kellhom tifla illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana nhar l-24 ta' April 2015 (Vide fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 113/1997 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**